MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Numru. 88/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Karim Boderbel ta' 23 sena, iben Ahmed u Jamilia nee' Boderbel, imwieled Algeria, nhar il-5 ta' Mejju, 1986, residenti fil-fond mhux maghruf Msida, Malta, u detentur tal-passaport Algerin bin-numru mhux maghruf;**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Karim Boderbel li gie akkuzat talli nhar id-9 ta' Novembru, 2009, hekk ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs), gewwa il-fond minghajr numru fit-Triq Sant'Indrija, Rabat, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa gewwa dawn il-Gzejjer;

1) Xjentement ghen jew assista lil Billel Malek jikkommetti serq ta’ flus liema serq huwa aggravat bil-lok, bil-persuna u bil-valur liema valur huwa ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disghin u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u liema serq sar ghad-detriment ta’ Elbadr Tousra (ID No. 41730A);
2) U akatr talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghen jew assista lil Billel Malek sabiex minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Albadr Yousra f’periklu car, hebb ghaliha b’oggett iebes u jaqta u kkagunalha griehi ta’ natura gravi hekk kif iccertifikat Dr. Marlene Attard MD;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali tas-27 ta’ Lulju 2010;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi liema ammissjoni giet riaffermata;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-provi mismugha u fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat u l-fatt illi l-imputat ilu zmien twil taht arrest preventiv;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 42, 261(d)(c)(e), 267, 268(b), 269(g), 279(b), 280(1) 281(c), 214, 261(1)(a)(iii), (b), 271, 222 (1)(b), Artikolu 6 Kapitlu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah sentejn prigunerija li fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitlu 9 qed jigu sospizi ghal zmien sentejn mil-lum kif ukoll tikkundannah multa ta’ €116.47;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor f’dana zmien ta’ liberta kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------